

Brussell, 27 ta' Marzu 2025
(OR. en)

7496/25
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0060(NLE)

RECH 125
ATO 12

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	26 ta' Marzu 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 111 final
Suġġett:	ANNESSI tal- Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-adozzjoni tal-programm supplimentari ta' riċerka tar-reattur ta' fluss għoli f'Petten għall-2024-2027 li għandu jiġi implimentat miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 111 final.

Mehmuż: COM(2025) 111 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.3.2025
COM(2025) 111 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESI

tal-

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-adozzjoni tal-programm supplimentari ta' riċerka tar-reattur ta' fluss għoli
f'Petten għall-2024-2027 li għandu jiġi implimentat miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka
għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika**

ANNESS I

OBJETTIVI XJENTIFIĊI U TEKNIĊI

L-objettivi ewlenin tal-programm huma dawn li ġejjin:

- (1) li jiġi żgurat it-tħaddim sikur u affidabbli tar-reattur ta' fluss għoli sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-fluss tan-newtroni għal għanijiet sperimentali;
- (2) li jkun possibbli użu effiċjenti tar-reattur ta' fluss għoli mill-istituti tar-riċerka f'firxa wiesgħa ta' dixxiplini: it-titjib tas-sikurezza tar-reatturi nukleari, tas-saħħa (inkluż l-iżvilupp tal-isotopi mediċi), tal-fużjoni nukleari, tar-riċerka fundamentali u tat-taħriġ, kif ukoll tal-ġestjoni tal-iskart (inkluż il-possibbiltà li jiġu studjati l-kwistjonijiet rigward is-sikurezza tal-fjuwils nukleari għas-sistemi tar-reatturi li huma ta' interess għall-Ewropa).

ANNESS II

TQASSIM TAL-KONTRIBUZZJONIJIET

Il-kontribuzzjonijiet għall-programm jiġu min-Netherlands u minn Franza.

Dawn il-kontribuzzjonijiet huma mqassma kif ġej:

In-Netherlands: EUR 26 215 000

Franza: EUR 600 000

Total: EUR 26 815 000

Dawk il-kontribuzzjonijiet għandhom isiru lill-baġit ġenerali tal-Unjoni u għandhom jiġu assenjati għall-programm. Parti mill-kontribuzzjonijiet fil-qafas tal-programm jistgħu jkopru wkoll in-nefqa li saret għat-tħaddim tar-reattur ta' fluss għoli matul is-sena 2024 f'konformità mal-programm ta' ħidma li se jsir qbil dwaru fost il-pajjiżi li qegħdin jikkontribwixxu u l-Kummissjoni.

Dawk il-kontribuzzjonijiet huma fissi u ma jistgħux jiġu riveduti fir-rigward tal-varjazzjonijiet relatati mal-kostijiet tat-tħaddim, tal-manutenzjoni u tad-dekummissjonar.

ANNESS [\[...\]](#)